MARIO BUHAGIAR

# Il-Pittura f'Malta u l-Identità Nazzjonali

Minkejja ċ-ċokon tagħhom, il-Gżejjer Maltin jistgħu jiftaħru b'wirt artistiku ta' sinifikat konsiderevoli li hu rifless ta' l-identità Latina u Nisranija ta' ġensna minn żmien il-Medju Evu tardiv 'l hawn. L-għan ta' dan l-istudju huwa li jagħti xi ħjiel dwar il-ġrajja tal-pittura f'pajjiżna u jeżamina fil-qosor kif din għenet biex tagħmilna ġens b'kultura tabilħaqq oċċidentali. Minn bidu umli fi knejjes imħaffra fil-blat, l-arti tal-pittura f'Malta kibret u stagħniet, imsoqqija mill-kurrenti artistiċi li kienu jaslu mill-Ewropa u minn kuntatti diretti ma' artisti barranin li minn żmien għal ieħor kienu jiġu jżuruna. Kellha mumenti sbieħ u f'waqtiet mhux rari laħqet livelli mhux mistennija.

L-ewwel tagħrif bil-miktub dwar pittura f'Malta nsibuh f'dokument Anġevin, ta' l-1274, li fih inventarju ta' l-armar tal-knisja ta' Santa Marija li kienet tinstab fil-parti ta' ġewwa tal-*Castrum Maris* fil-Birgu [1]. Tissemma fost l-oħrajn xbieha ta' Sant'Anġlu li kienet imżejna bi tliet ħaġriet, waħda minnhom rubin [2]. Din l-ikona, li għandna għalfejn naħsbu kienet impittra fuq l-injam, ma għadhiex teżisti. Minn dan iż-żmien bikri fadlilna biss xi ftit xbihat qaddisa, impittra mal-ħitan ta' knejjes imħaffra fil-blat. L-aktar magħrufa fosthom hija l-hekk imsejħa Madonna ta' San Luqa fis-Santwarju tal-Mellieħa li hi fi stil Biżantinesk-Sqalli, u li l-ikonografija tagħha tidher li ma teħodniex aktar lura mill-aħħar snin tas-seklu tlettax [3]. Ta' interess akbar hija l-pittura li kien hemm fl-apside tal-kripta ta' l-Abbatija tad-Dejr, ir-Rabat, li s-sena l-oħra ġiet trasferita fuq il-*fibre glass* u llum tinsab għall-wiri fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt. Ix-xbieha tgħaqqad f'xena waħda l-Kruċifissjoni ta' Kristu u t-tħabbira ta' l-Anġlu lil Marija. L-ikonografija hija Taljana-Biżantineska iżda l-figura serpentinata ta'

Kristru Msalleb tixhed influwenza Gotika. Fi stil aktar biżantinesk, imma Taljana wkoll fl-eżekuzzjoni, hija l-ikona fuq l-injam tal-Madonna bil-Bambin meqjuma fil-Kappella tas-Sagrament tal-Katidral ta' l-Imdina li aktarx hija xogħol bikri tas-seklu ħmistax, b'rabtiet mat-Toskana jew l-Umbrija. Aktarx ta' l-istess skola huma l-fdalijiet ta' polittiku kontemporanju merfugħa fis-sagristija tal-knisja ta' l-Agostinjani, ir-Rabat, li jistgħu jkunu xogħol ta' artist mill-Italja t'isfel li kien midħla tal-Gotiku Internazzjonali. Dan jixhduh l-isfond indurat u l-eleganza u r-raffinatezza aristokratika tax-xbihat li juru l-Madonna bilqiegħda fuq tron bil-Bambin f'ħoġorha, u lill-Qaddisin Pawlu, Wistin u Katarina ta' Lixandra [4].

Elementi Biżantineski jitħalltu ma' oħrajn Gotiċi tardivi fil-Politika tad-*Diposizzjoni* li erba' mill-panewijiet tiegħu jinsabu fil-Knisja Parrokjali ta' San Ġorġ, Ħal-Qormi [5]. L-ikonografija ta' Kristu Mejjet u l-Madonna fil-panew ċentrali hija biżantineska waqt li t-trattament ta' l-isfond tal-figuri sekondarji huwa għal kollox f'idjoma Gotika Internazzjonali. Ta' valur artistiku akbar u f'idjoma tabilħaqq biżantina hija l-ikona ta' Isqof Qaddis, aktarx San Nikola, fis-sagristija tal-knisja parrokkjali tan-Naxxar [6]. Jingħad li din kienet, hija wkoll, panew ta' polittiku iżda xbieha ta' San Pietru li, kif igħidu, kienet tagħmel parti mill-istess *pala d'altare* hija fi stil għal kollox differenti li jġiegħlek taħseb f'influwenza Sjeniża.

Imma mhux mill-Italja biss kienu jaslu l-influwenzi artistiċi. Bejn l-1282 u l-1530, Malta kienet tagħmel sehem mill-konfederazzjoni tal-kuruna Aragoniża u din il-konnessjoni politika bexxqet il-bieb għall-kurrenti kulturali li kienu qed jonfħu mill-inħawi tal-Katalunja u ta' Valenzja. Kien minn din il-klima artistika li ħareġ il-polittiku ta' San Pawl li fil-fehma tiegħi huwa l-aqwa kapulavur ta' l-arti, ta' qabel il-miġja tal-Kavallieri, li għandna f'pajjiżna. Kien kommissjonat għall-artal il-maġġur tal-Katidral il-Qadim ta' l-Imdina, aktarx kmieni fis-seklu ħmistax, u hija tassew ħasra li, sa issa, id-dokumentazzjoni dwar l-oriġni tiegħu għadha ma nstabitx f'arkivju tal-Katidral. Hemm affinità stilistika qawwija bejn dan ix-xogħol u l-pittura ta' Luis Borassa (1360-1426) li kien ir-rappreżentant ewlieni tal-Gotiku-Internazzjonali fi Spanja [7].

Dan ix-xogħol illum jinsab merfugħ fil-Mużew tal-Katidral l-Imdina fejn hemm ukoll pittura tawwalija fuq l-injam, maqsuma

vertikalment fi tliet ikoni [8] li l-istil tagħhom jirrifletti familjarità mal-pittura medjevali-tardiva ta' Valenzja. Il-provenjenza ta' din il-pittura interessanti mhix magħrufa iżda jien tal-fehma li setgħet kienet parti minn *pala d'altare* oħra tal-Katidral il-Qadim. Nafu li l-Katidral kien armat ġmielu bi kwadri tal-pittura. Fil-Kappella tal-Madonna ta' Monserrat kien hemm sitt ikoni; u l-*pale d'altare* li kien hemm fil-kappella ta' l-Ispirtu s-Santu kienet tant kbira li minħabba fiha ma setax isir quddies kif jixraq [9]. Pittura oħra, fil-Kappella tas-Santissma Trinità, kienet turi lil San Ġwann qed igħammed fil-Ġordan [10]; filwaqt li fil-kappella ta' San Ġakbu kien hemm ikona tal-Madonna tas-Sokkors bejn San Ġakbu u San Pietru [11]. Din ta' l-aħħar aktarx li nistgħu nidentifikawha mat-trittiku tal-*Madonna tas-Sokkors* fil-Mużew tal-Katidral li, stilistikament, nistgħu nattribwuh lil Salvo d'Antonio (dok. 1493-1526) pittur minn Messina li kien in-neputi ta' Antonello da Messina (c.1430-1479), wieħed mill-ġganti tal-pittura Rinaxximentali Taljana.

Antonello da Messina aktarx kellu rabta mill-qrib ma' Malta għax oħtu kienet miżżewġa ma' ċertu Giovanni de Saliba (jew Resaliba) li minħabba kunjomu kien aktarx Malti [12]. Li nistgħu ngħidu b'ċertezza hu li l-artisti ta' l-iskola ta' Antonello (magħrufa bħala l-Iskola ta' Messina) kienu attivi ħafna f'Malta. Kienu dawn l-artisti li daħħlu elementi Rinaxximentali fil-pittura Maltija. Salvo d'Antonio hu magħruf li pitter polittiku għas-sorijiet tal-Monasteru ta' San Pietru l-Imdina [13] li wieħed mill-panewijiet tiegħu, bi xbieha ta' San Pietru [14], kif ukoll il-predelli, jinsabu fil-mużew tal-Katidral. Din ta' l-aħħar turi 'l Kristu mdawwar bl-Appostli u hija ffirmata u datata mill-artist.

Il-kuġin ta' Salvo d'Antonio, Antonio de Saliba (dok. 1480-1535), fl-1517 pitter polittiku kbir ieħor għall-knisja ta' Ġiesu, r-Rabat li b'xorti tajba baqgħalna deskrizzjoni dettaljata tiegħu [15]. Minnu għad fadal biss żewġ panewijiet, illum imdendla fis-sagristija tal-knisja, li juru d-*Depożizzjoni mis-Salib,* u l-*Madonna bil-Bambin.*

Il-ħakma twila tal-Kavallieri ta' San Ġwann bejn l-1530 u l-1798 issiġillat darba għall dejjem l-integrazzjoni tal-Gżejjer Maltin fid-dinja Ewropea. Il-Kavallieri li kienu l-krema ta' l-aristokrazija Kattolika tal-Punent kienu Patruni kbar tal-kultura li għamlu minn

pajjiżna mhux biss fortizza kontra l-espansjoni Islamika iżda wkoll ċentru artistiku. Fost it-teżori li ġabu magħhom, ta' min isemmi l-ikona tal-Madonna Damaxxena li hija pittura biżantina tas-seklu tnax, li l-kwalità għolja tagħha ġġegħelna naħsbu fi skola b'kuntatti mal-palazz imperjali ta' Kostantinopli [16]; u, daqshekk ieħor interessanti, *Kurċifiss* kbir fuq l-injam li ftit taż-żmien ilu ġie attribwit lil Polidoro da Caravagio (1492-1543) u li l-Kavallieri setgħu akkwistaw fl-Italja wara li telqu minn Rodi [17]. Fl-ewwel snin li qattgħu Malta ma tantx kellhom żmien x'jaħsbu fl-arti iżda, b'dan kollu, ma qagħdux lura milli jsebbħu kemm jistgħu l-Knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu li ntgħażlet bħala l-ewwel knisja konventwali tagħhom. Il-Gran Mastru L'Isle Adam irregala lil din il-knisja *pala d'altare* li fuq il-panew ċentrali tagħha kienet turi lil San Lawrenz, liebes l-abiti sagri, bilqiegħda fuq tron f'sala li l-arkitettura tagħha tirrifletti l-bini tar-Rinaxximent tardiv. Din il-pittura fuq l-injam, li kienet iġġib id-data 1532, u kienet dekorata bl-armi tal-familja L'Isle Adam, kellha importanza artistika konsiderevoli. Hija tassew ħasra li nqerdet fl-Aħħar Gwerra waqt l-attakk fuq l-"Illustrious" tas-16 ta' Jannar 1941.[18].

Wara l-Assedju ta' l-1565 u l-bini tal-Belt Valletta, il-Kavallieri bdew jospitaw f'Malta artisti ta' fama li xtaquhom iżejnu bil-pittura l-knejjes u l-palazzi tagħhom. Uħud minnhom bħal Matteo Perez d'Aleccio (1547-1616), Filippo Paladini (c. 1544-1610) u Michelangelo Merisi da Caravaggio (1583-1610) ingħataw kenn meta sabu ruħhom fl-inkwiet mal-ġustizzja f'pajjiżhom [19].

Matteo Perez d'Aleccio, pittur Manjerista u segwaċi ta' Giorgio Vasari (1511-1574), ħallielna ċiklu ta' affreski, fis-*Sala del Maggior Consiglio* tal-Palazz tal-Gran Mastri, li b'ikonografija mżewqa jirrakkontaw, f'dettal mhux mistenni l-ġrajja ta' l-Assedju l-Kbir. D'Aleccio li qatta' madwar ħames snin fostna ħadem għadd ta' xogħlijiet oħra fosthom il-*pale d'altare* prinċipali ta' l-aktar żewġ knejjes importanti tal-Belt, dik Konventwali ta' San Ġwann u l-oħra ta' San Pawl Nawfragu li fiha, fin-nuqqas ta' katidral, l-Isqof kellu t-tron tiegħu. It-tnejn huma kompożizzjonijiet ta' interess artistiku konsiderevoli li fihom jolqtuna ma' l-ewwel daqqa t'għajn, dawk l-elementi ta' eleganza u sofistikazzjoni (jew artifiċjalità aristokratika) li huma tnejn mill-karatteristiċi ewlenin tal-pittura Manjerista. Il-*pala* tal-Knisja ta' San Pawl hija, b'dan kollu, fil-

fehma tiegħi, xogħol aktar importanti. Tirrappreżenta n-nawfraġju ta' l-Appostlu u kellha influwenza determinanti fuq l-ikonografija ta' pittura oħra ta' dan is-suġġett fil-knejjes Maltin [20].

Filippo Paladini ġie Malta bħala kalzrat fuq ix-xwieni, iżda l-Gran Mastru Verdale li, mid-dehra, kien mgħarraf sew dwar il-kapaċità artistika tiegħu, ħa passi minnufih biex jiżgura l-ħelsien tiegħu u fdalu f'idejh għadd ta' kummissjonijiet importanti, fosthom id-dekorazzjoni tal-kappella tal-Palazz tal-Gran Mastri li għaliha pinġa *pala d'altare* li turi Madonna bil-Bambin b'għadd ta' qaddisin madwarhom [21]. Dan huwa xogħol importanti li fih elementi tar-Rinaxximent tardiv jitħalltu ma' oħrajn Manjeristi. Paladini kien artist eklettiku li l-ispirazzjoni tiegħu xorobha minn bosta egħjun imma hu bħala wieħed mill-aħħar Manjeristi li baqa' jissemma fl-istorja ta' l-arti. Kien artist prolifiku li, mid-dehra, qabad ġmielu Malta għax kellu għadd ta' kummissjonijiet li bosta minnhom għadhom jeżistu. Fosthom insemmu x-xbieha monumentali ta' San Ġakbu fil-knisja ta' dan il-qaddis, il-Belt, u t-tila kbira taċ-*Ċirkunċiżżjoni ta' Kristu* fil-kor tal-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt [22]. Dam refuġjat Malta bejn madwar l-1588 u l-1595 meta ngħata maħfra assoluta u seta' jerġa' lura Firenze. Iżda fl-1601 stabbilixxa ruħu fi Sqallija minn fejn żamm kuntatt mill-qrib ma' Malta [23]. Bħal ħafna artisti oħra ta' żmienu Paladini spiċċa biex beda jaċċetta huwa ukoll il-lezzjoni ta' Caravaggio, jew aħjar dak li fehem minnha. Fil-kwadri tardivi tiegħu, l-element tenebrista beda jieħu dimensjoni dejjem aktar importanti. Fost ix-xogħlijiet tiegħu f'Malta, l-influwenza tal-Caravaggio tista' tħossha l-aktar fit-tila tal-*Miraklu ta' San Kosma u San Damjan* fil-knisja tal-Franġiskani Konventwali, il-Belt[24].

L-artist misterjuż Vincenzo Baiata aktarx li kien segwaċi fidil ta' Paladini [25]. Kien jaf jimitaħ tant tajjeb li kieku ma kienx għax iffirma t-tila tal-*Madonna tal-Virtù,* fil-Mużew Kolleġġjali ta' Wignacourt ir-Rabat, din kienet żgur tiġi attribwita lil Paladini. Din hija l-pittura waħdanija li sa issa nistgħu nattribwixxu b'ċertezza lil dan l-artist li dwar ħajtu, u min kien, ma għandna l-ebda tagħrif. L-anqas jekk kienx Malti jew le ma nafu [26].

Minbarra D'Alleccio u Paladani nafu b'għadd ta' artisti Manjeristi ta' fama li ħadmu xogħlijiet għal Malta. Fosthom ta' min isemmi lil Antonio Catalano il Vecchio (1560-c. 1606) li pinġa l-*pala*

*d'altare* tal-*Madonna bil-Bambin ma' Santa Katarina u Qaddisin Oħra* għall-kor tal-knisja ta' Ġiesu, l-Belt [27]; lil Francesco Potenzano (+1599) li ħallielna żewġ tili, waħda tal-*Martirju tar-Rota ta' San Katarina ta' Lixandra* u l-Oħra ta' *San Ġorġ Jissara mad-Dragun,* għall-Knisja Konventwali ta' San Ġwann [28]; lil Daniele Monteleone (att. 1600-1622) li tiegħu baqgħalna ex-voto l-ġmiel tiegħu (illum jinsab fil-kunvent tal-Karmelitani l-Belt) li fih il-qaddisin Bjaġju, Ċeċilja u Katerina ta' Lixandra jinterċedu mal-Madonna bil-Bambin għal tfajla marida b'infezzjoni fi ġriżmejha [29]; u lil Giovanni Battista Riccio minn Novara (1537-1627) li fuq talba tal-Kavallier Sjeniż, Fausto Bulgarini, li kien ħelisha ħafif fil-pesta l-kbira tal-1592-1593, pitter ex-voto ieħor (illum miżmum fil-Knisja ta' Santa Marija, f'Bubaqra, iż-Żurrieq) li juri lil Santu Rokku mfarraġ minn anġlu [30]. Artist Taljan ieħor ta' ċerta kapaċità, iżda li b'xorti ħażina ma nafux min kien, pinġa l-*pala d'altare* tal-knisja parrokkjali tal-Madonna ta' Porto Salvo l-Belt [31]. Dawn l-artisti għenu biex bil-pittura tagħhom iżommu lil Malta magħquda mal-kultura ta' l-Ewropa Kattolika ta' dik il-ħabta u, fl-istess ħin, kienu fonti ta' ispirazzjoni għall-artisti Maltin li bdew, bil-mod il-mod joħorġu mid-dalma ta' l-anonimità u jiffirmaw ix-xogħlijiet tagħhom li, għalkemm m'humiex kapulavuri tal-pittura, mhux neqsin mill-interess u, xi minn daqqiet, għandhom ċertu seħer fis-sempliċità tagħhom. Fost dawn l-artisti l-aktar li jistħoqqilhom jissemmew huma Giovanni Maria Abela, li kien attiv bejn tmiem is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax u li ħallielna sensiela ta' kwadri tal-Madonna tar-Ružarju [32], u Bartolomeo Amadeo Perugino li fl-1619 pitter il-kwadru devot tal-Madonna ta' Pinu, f'Għawdex [33].

Il-Manjeriżmu kellu influwenza determinanti fuq l-idjoma artistika tal-Gżejjer Maltin għal kważi mitt sena sakemm, jiġifieri, Mattia Preti, fl-aħħar snin tas-seklu sbatax, għallem lill-Maltin iħobbu l-istil Barokk Naplitan — imħabba li dan il-poplu ma nsieha qatt. Il-Barokk intgħaġen mal-karattru tal-Maltin u sar karatteristika ewlenija tiegħu. Madankollu, sadanittant, il-Gżejjer Maltin kienu daqu l-isbaħ esperjenza artistika tagħhom, meta għal ftit aktar minn sena, bejn madwar it-13 ta' Lulju 1607 u l-ewwel jiem ta' Ottubru 1608, laqgħu fosthom lil Michelangelo Merisi minn Caravaggio, magħruf aħjar bħala l-Caravaggio, wieħed mill-aqwa ġenji tal-pittura fl-Istorja ta' l-Arti.

Il-ġrajja u l-ħidma ta' Caravaggio f'Malta huma magħrufin biżżejjed, għalkemm għad hemm numru ta' dettalji li għad iridu jiġu ċċarati[34]. Nafu li l-artist ħadem fuq numru ta' xogħlijiet [35] li minnhom għad fadal Malta tnejn biss, it-tila tas-*San Ġlormu* u l-*pala d'altare* enormi tal-*Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann* li, għall-anqas fid-daqs, hija l-akbar pittura li ħadem fuqha Caravaggio u l-unika waħda li ffirma. Maħduma b'penellati mgħaġġla, qisu l-artist f'delirju ta' deni kien qed jagħmel tellieqa mal-ħin biex ilaħħaq mal-pass imgħaġġel ta' l-ispirazzjoni li ħakmitu, din hija waħda mill-akbar kapulavuri taċ-ċiviltà tal-Punent u tiżgura għal Malta post prominenti fil-mappa artistika mondjali. Diffiċli tgħid x'jolqtok l-aktar f'dan ix-xogħol stupend, hux il-kompożizzjoni impekkabbli jew ir-realiżmu qawwi, jew inkella l-effetti drammatiċi, li megħjuna mill-użu għaqli tal-*chiaroscuro* jilagħbu fuq l-emozzjoni ta' kull min iħares lejh u jeżerċitaw fuqu bħal seħer li mhux faċli teħles minnu. Dan huwa kliem li forsi jista' jitqies retoriku żżejjed, jew eżaġerat, iżda huwa impossibbli li taħrab mill-iperboliżmu meta trid tiddesdrivi kapulavur ta' din ix-xorta [36].

Sa ftit tas-snin ilu l-istoriċi ta' l-Arti kienu tal-fehma li Caravaggio, fiż-żmien li qatta' Malta, kellu bħala assistent tiegħu lil Lionello Spada (1576-1662) u li dan il-pittur minn Bologna baqa' għal diversi snin fostna wara li l-imgħallem tiegħu ħarab lejn Sqallija [37]. Illum nafu li x-xogħlijiet li qabel konna nattribwixxu lil Spada fil-fatt inħadmu minn artist ieħor ta' kapaċità inferjuri, li kien jiffirma ismu *Cassarino*. Dwaru ma nafu xejn li xejn u, għalkemm, xi kittieba ppruvaw jidentifikawh ma' ċertu Giulio Feliċi mlaqqam "Cassarino" minħabba li kien qasir, l-argumenti li nġiebu mhumiex, fl-opinjoni tiegħi, konvinċenti biżżejjed [38]. L-akbar importanza ta' Cassarino hija li xi xogħlijiet tiegħu (bħal, ngħidu aħna, il-kwadru tal-*Madalena* jew ir-ritratt tal-*Gran Mastru Wignacourt bil-Qiegħda,* it-tnejn fil-Mużew Kolleġġjali ta' Wignacourt, ir-Rabat) ikunu kopji — jew ta' l-inqas ispirati — ta' pittura ta' Caravaggio li ma għadhiex teżisti. Għalkemm ġie li kellu waqtiet sbieħ, Cassarino jibqa' artist medjokri.

Ta' ħila ferm akbar kienu l-Isqallin Mario Minniti (1577-1640), li ħallielna l-pittura fuq l-injam ta' l-*Ecce Homo,* fil-Mużew tal-Katidral, u Pietro Novelli (1603-1647) li tiegħu għandna żewġ tili, il-*pala d'altare* ta' *San Pawl ifejjaq lil Missier Publiju* fil-knisja ta'

Ġiesu l-Belt u *Madonna bil-Bambin* fis-Sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

Il-Kavallieri kellhom imsieħba magħhom nies ta' talent u sensibbiltà artistika konsiderevoli. Ta' min isemmi fosthom lil Fra Francesco Buonarroti (1573/4-1632) li kien jiġi l-pro-neputi ta' Michelangelo u li kien arkitett dilettant [39], u lill-Kommendatur ta' Breaux, Fra Lucas Garnier, li kien jiddiletta bil-pittura u li ħadem ħafna għall-knejjes, fosthom it-titular ta' San Filippu ta' Aggira, fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ [40]. Lil Caravaggio wkoll kienu laqgħuh fosthom bħala Kavallier, iżda l-istorja ta' x'ġara ftit wara jafha kulħadd [41]. Iżda jekk il-Kunsill ta' l-Ordni kien żbalja w iddispjaċieh fil-każ ta' Caravaggio, mhux hekk ġara f'dak ta' Mattia Preti għax dan l-artist kien ta' unur kbir għall-Kavallieri.

Mattia Preti (1613-1699), wieħed mill-virtwożi l-kbar tal-pittura Barokka, kien ġie fdat mill-aħwa Rafel u Nikola Cotoner, iż-żewġ Gran Mastri aħwa, bid-dekorazzjoni tal-knisja Konventwali ta' San Ġwann li, sa nofs is-seklu sittax, kienet, tista' tgħid, għera minn kull tiżjin [42]. Kien Mattia Preti li biddel San Ġwann fil-ġawhra ta' l-arti li hu llum. Il-pittura tas-saqaf hija waħda mill-glorji tal-Barokk. Mattia Preti kien prolifiku ħafna u terġa' f'Malta li, wara l-1601 saret it-tieni dar tiegħu, kien imexxi bottega attiva fejn l-istudenti u l-assistenti kienu jaħdmu fuq xogħlijiet taħt id-direzzjoni tiegħu. Huwa għal din ir-raġuni li f'Malta għandna tant pittura ta' Preti u l-iskola tiegħu, xi minn daqqiet f'postijiet fejn wieħed ftit li xejn jistenniehom, bħal, ngħidu aħna, fil-knisja parrokkjali taż-Żurrieq fejn it-titular ta' *Santa Katarina* u l-kwadru ta' *Sant'Andrija* huma tnejn mill-aħjar xogħlijiet tal-maturità ta' dan l-artist [43].

Il-ħakma ta' l-istil ta' Mattia Preti fuq l-arti Maltija damet qawwija għal aktar minn mitt sena u kien taħt l-influwenza tiegħu li l-artisti Maltin bdew jieħdu dimensjoni ġdida. Stefano Erardi (1630-1716) tgħallem ħafna minnu għalkemm baqa' sa' l-aħħar fidil lejn it-tradizzjoni Manjerista [44]. Giuseppe d'Arena (c.1613-1719), imlaqqam *il Romano,* li ma nafux jekk kienx Malti, għalkemm għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu fostna, ipprova jimitaħ mill-aħjar li seta' u, xi minn daqqiet, laħaq livelli għoljin [45]. Alessio Erardi (c.1671-1721) kien artist aktar importanti milli jaħsbu ħafna [46]. Studju tax-xogħlijiet tiegħu jġegħelni nħares lejh bħala l-fundatur ta' skola ta' pitturi Maltin fil-qasam tal-Barokk Naplitan, li tgħodd fost il-

membri tagħha lil Gian Nicola Buhagiar (1698-1752) u lil Francesco Vincenzo Zahra (1710-1773), l-aqwa żewġ artisti Maltin tas-seklu tmintax [47].

Il-qawwa ta' Zahra nistgħu napprezzawha f'għadd ta' xogħlijiet, bħal fil-pittura ta' l-apside tal-Kappellun tar-Rużarju, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun, li b'ikonografija stupenda tfassal allegorija mill-isbaħ ta' l-Istituzzjoni tar-Rużarju Mqaddes; jew inkella fil-*pala d'altare* tal-Madonna tar-Rużarju, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, li fiha l-poeżija titgħarras mal-monumentalità tal-figuri u t-teatriċità ta' l-immaġinazzjoni barokka [48]. Iż-żewġ tili kbar b'xeni mill-ħajja ta' San Filippu ta' Aggira, fil-kor tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, huma wkoll attribwiti lil Zahra iżda dokument ta' min jorbot fuqu, jagħtina x'nifhmu li hawnhekk Zahra kien qed jaħdem fuq buzzetti tal-pittur Franċiż Antoinc de Favray [49].

Antoine de Favray (1706-1798) bħal Mattia Preti qatta' ħafna mill-ħajja artistika tiegħu f'Malta u l-Gran Mastru Manoel Pinto de Fonseca, li tiegħu Favray ħallielna numru ta' ritratti mimlija pompa u retorika aristokratika, iżda fl-istess ħin psikoloġikament interessanti, laqgħu fi ħdan l-Ordni ta' San Ġwann fil-klassi relattivament baxxa ta' *servant d'armes* [50]. Favray li kien student ta' Jean-François de Troy (1679-1752) tħarreġ fil-pittura f'Ruma u kien influwenzat mill-iskola Rumana tat-tieni nofs tas-seklu tmintax. Dan għenu biex idaħħal element klassiku u akkademiku fil-pittura Maltija ta' l-aħħar snin tal-Kavallieri. Wieħed mill-artisti Maltin li tgħallem ħafna minn għandu kien proprju Francesco Zahra [51]. Kien ukoll strumentali biex iż-żagħżugħ Giuseppe Grech (1755-87) jintbagħat jitħarreġ Ruma, fl-Akkademja ta' San Luqa [52]. Ħasra li Grech miet f'età daqshekk zgħira. Kellu potenzjalità artistika kbira u kieku baqa' ħaj seta' mmatura f'artist sinifikattiv [53].

Favray barra li kien ritrattista kapaċi pitter ukoll suġġetti storiċi, spirati mill-ġrajja tal-Kavallieri [54], u oħrajn reliġjużi. Forsi l-kapulavur tiegħu f'Malta hija l-pittura tal-kappella ta' San Kalċedonju fil-kurja arċiveskovili, il-Furjana [55]. Kien ukoll jiddiletta jpitter xeni ta' natura folkloristika jew ta' ħajja pittoreska [56]. Kellu ġibda speċjali lejn id-dinja esotika ta' l-Orjent u bejn l-1762 u l-1771 ħalla Malta għall-Imperu Ottoman fejn pitter għadd ta' "*genre pieces*" li għamluh popolari fl-Ewropa [57].

Wara l-mewt ta' Francesco Zahra, fl-1773, Favray sab ruħu mingħajr pittur rival serju. B'ċerti riservi wieħed jista', forsi, jagħmel eċċezzjoni ma' Rokku Buhagiar (c. 1725-1805) li kien artist ta' ċerta ħila li jistħoqqlu li jsir studju serju dwaru [56]. Favray miet fl-1798, lejlet il-wasla ta' l-armata tal-Lvant ta' Napuljun li ħataf il-Gżejjer Maltin minn idejn il-Kavallieri. Il-ħakma tal-Franċiżi damet biss sentejn u wrajhom ġew l-Ingliżi li ftit li xejn kellhom imħabba għall-barokk, għax kienu jassoċjawh mal-kontro-riforma tal-Knisja Kattolika. Kien għalhekk li huma inkoraġġew kemm felħu l-kurrenti kontra l-barokk li kienu karatteristika tas-seklu dsatax.

Il-moviment kontra l-barokk twieled f'Ruma fejn żgħażagħ Maltin ta' talent kienu jintbagħtu biex jitħarrġu fl-arti. Wieħed minn dawn l-artisti kien Giorgio Pullicino (1779-1852) li fl-Akkademja ta' San Luqa sar midħla ta' l-idjoma Neo-Klassika u mal-wasla lura tiegħu f''Malta nħatar professur tad-disinn fl-Università [59]. Hija ħasra li ta' Pullicino ma għandna ebda pittura għajr veduti li kien ipinġi għat-turisti. Huwa ddistingwa ruħu aktar bħala arkitett milli bħala pittur [60]. Salvatore Busuttil (1798-1854) baqa' fidil għall-pittura iżda ma reġax ġie lura Malta [61]. Ftit qabel miet ħadem għall-knisja ta' Kerċem, f'Għawdex, it-titular sabiħ ta' San Girgor qed jinterċiedi mal-Madonna għall-impestati [62].

Pietru-Pawl Caruana (1794-1852), mill-banda l-oħra, tista' tgħid li ħadem kważi esklussivament f'Malta u għalhekk seta' jħalli l-marka tiegħu fuq il-pittura Maltija. Waqt li kien qed jistudja Ruma, Caruana tħabbeb sew ma' Tommaso Minardi (1787-1871), il-fundatur ta' l-Iskola tal-Puristi, li l-għan waħdani tagħha kien li tippurifika l-arti mill-eċċessi tal-Barokk [63]. Mingħajr qatt ma ġie Malta, Minardi eżerċita influwenza determinanti fuq l-evoluzzjoni tal-kunċett estetiku f'Malta tas-seklu li għadda. Tista' tgħid li l-artisti Maltin kollha, sa żmien Calì, kienu jħarsu lejh u lejn Friedrich Overbeck (1789-1869), li waqqaf il-Moviment tan-Nazareni, bħala l-gwidi artistiċi tagħhom.

In-Nazareni kienu aktar intransiġenti mill-Puristi fl-antagoniżmu tagħhom lejn il-Barokk. Il-Moviment li l-isem proprju tiegħu kien il-*Lukasbrüder*, jiġifieri l-*Fratellanza ta' San Luqa*, kien wieħed kważi reliġjuż. L-imsieħbin li kienu jgħoddu fosthom l-aħwa minn Malta, Giuseppe u Vincenzo Hyzler, kienu jgħixu ħajja

komunitarja fil-Monasteru ta' Sant'Isidoro, fl-inħawi tal-Pincio f'Ruma. Kellhom l-abitu tagħhom u kienu jħallu xagħarhom twil [64].

Giuseppe Hyzler (1793-1858) kellu għadd ta' segwaċi f'Malta fejn kienu jgawdu l-fiduċja sħiħa ta' l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi. Sar qisu d-dittatur ta' Malta fejn jidħlu l-*Belle Arti* u ma kien isir, tista' tgħid, xejn f'dan il-qasam qabel ma jiġi konsultat hu. Kien fuq il-parir tiegħu li ġie mneħħi ħafna tiżjin barokk mill-knejjes Maltin [65]. Ħuh Vincenzo (1913-1849) miet f'età żgħira imma rnexxielu jilħaq ċertu livell fil-pittura u kien igawdi l-istima ta' l-istess Overbeck.

L-istil akkademiku u ikongrafikament imrażżan tan-Nazareni u l-Puristi dam jiddomina l-arti Maltija sas-sebgħinijiet tas-seklu dsatax meta tfaċċa fuq ix-xena Giuseppe Calì (1846-1930). Calì li studja Napli [66] kien influwenzat fuq kollox mill-Moviment Romantiku li sar midħla tiegħu permezz tal-pittura ta' Domenico Morelli (1826-1921) li kien jaf personalment [67]. Calì rnexxielu jinjetta doża qawwija ta' dan ir-Romantiċiżmu fl-arti Maltija u beda dlonk igawdi popolarità kbira li ma naqsitlu qatt tul il-karriera twila tiegħu [68]. Ir-rival ewlieni tiegħu Lazzaro Pisani (1854-1932), li kellu formazzjoni akkademika, u li kien ukoll artist kapaċi, biex jikkompeti miegħu ħtieġlu jirromantiċizza l-istil tiegħu. Ir-Romantiċiżmu sar għalhekk forza importanti fl-arti Maltija. Hija ħasra li, f'idejn imitaturi medjokri, il-vitalità ta' l-istil ta' Calì tilfet ħafna mill-fibra tagħha u ċerti artisti tal-knejjes bdew jenfasizzaw fil-pittura tagħhom element ta' morbidezza spiritwali li la jagħmel ġieh lill-arti u l-anqas lir-reliġjon.

Is-seklu dsatax kien żmien importanti fl-istorja ta' l-arti f'Malta. Għall-ewwel darba x-xena kienet iddominata minn artisti Maltin u mhux mill-barranin bħal ma ġara fis-sekli ta' qabel. Dawn l-artisti ma kinux, bħalma jaħsbu xi wħud, maqtugħin mill-kurrenti estetiċi kontemporanji u l-anqas kienu jħaddnu stili anakronistiċi. Pietro Paolo Caruana, l-aħwa Hyzler u l-artisti ta' madwarhom kienu, għal żmienhom, pitturi moderni li żammu ruħhom aġġornati ma' dak li kien qed jiġri Ruma li, sa dak iż-żmien, kienet għadha ċentru artistiku importanti. Giuseppe Calì wkoll, meta bħala student ħaddan ir-Romantiċiżmu, kien qiegħed jirrifletti r-reazzjoni ta' dik il-ħabta kontra l-akkademiżmu fil-pittura. Kien biss fl-aħħar snin tas-seklu li Malta bdiet tinqata' mill-movimenti

artističi kontemporanji li ġabu tant tibdil radikali fil-kunċett estetiku. Hemm ħafna raġunijiet li wieħed jista' jaħseb fihom il-għala ġara dan iżda għad irid isir studju serju tagħhom. Għal diversi snin l-arti f'Malta bħallikieku ffossilizzat ruħha. Kien biss wara l-1926, meta l-Ministru ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Mons. Enrico Dandria, inawgura l-Iskola ta' l-Arti li Malta bdiet toħroġ mill-iżolament artistiku [69]. L-iskola bdiet toffri boroż ta' studju biex studenti Maltin ikunu jistgħu, mill-ġdid, jibdew jitħarrġu fl-arti barra minn Malta. Fost dawn l-istudenti kien hemm Giorgio Preca (1909-1984), Anton Inglott (1915-1945) u Willie Apap (1918-1970) li, bil-pittura tagħhom, urew it-triq lejn l-orizzonti ġodda li l-pittura kontemporanja Maltija rnexxielha tilħaq.

## REFERENZI

1. Dan id-dokument li b'xorti ħażina ma għadux jeżisti, għax inqered fl-aħħar gwerra, kien ġie ppublikat minn V. Laurenza "Malta nei documenti angioini del R. Archivio di Napoli", *Archivio Storico di Malta* V (1934), 132-6. Skond id-dokument, il-kastell kien jinqasam fi tnejn: il-forti ta' ġewwa *(castro interiore)* li fih kien hemm il-knisja ta' Santa Marija, u l-forti ta' barra *(castro exteriore)* li kellu knisja taħt il-ħarsien ta' Sant'Anġlu.
2. Fid-dokument naqraw hekk dwar ix-xbieha li, għandna għaliex naħsbu, kienet impittra fuq l-injam: *conam Sancti Angeli impernatam cum tribus lapidibus, duobus de vitro et uno balasio.*
3. Fil-knejjes imħaffra fil-blat ta' Sqallija wieħed għadu jista' jara l-fdalijiet ta' bosta xbihat simili. Hemm xebh partikolari bejn l-ikona tal-Mellieħa u xbieha ta' Madonna bil-Bambin fl-għar ta' *Santa Lucia sul Tirone* fil-kampanja ta' madwar Lentini. Fuq din il-knisja ara: Aldo Messina, *Le Chiese Ruperstri del Siracusano,* Instituto Siciliano di Studi Bizantini, Palermo 1979, 27-34. Dwar il-pittura biżantineska ta' Sqallija ara Giuseppe Angello, *Le Arti Figurative nella Sicilia Bizantina,* Istituto Siciliano di Studi Bizantini, Palermo 1962 u (ta' l-istess awtur), "Gli Affreschi dei Santuari Rupestri della Sicilia (Le Grotte de Lentini)", *Rend. Pont. Accad. Romana di Arch.* XXX-XXXV, 1957-9, 200-3.
4. Il-panew ta' Santa Katarina wieħed jista jarah fis-salott tal-Kunvent. Fil-fehma tiegħi għandu jitqiegħed ħdejn ix-xbihat l-oħrajn fis-sagrestija. Dawn ta' l-aħħar għandhom jitneħħew mill-gwarniċ pseudo-Gotiku li nħadem għalihom, aktarx tard is-seklu li għadda. Dan mhux biss huwa ikrah iżda ma għandu x'jaqsam xejn, fl-istil, magħhom.
5. Minbarra d-*Depożizzjoni,* il-panewijiet l-oħra, li għadhom jeżistu juru, rispettivament, dawn ix-xbihat: *Kristu Msallab, San Ġorġ Jissara mad-Dragun,* u l-*Papa San Girgor il-Kbir flimkien ma' qaddisa mhux magħrufa.* Għall-istudju dwar dan ix-xogħol importanti ara Mario Buhagiar, "The Qormi Pala d'Altare and Artistic Patronage in Malta during the Fifteenth and Early Sixteenth Centuries", *Proceedings of History Week 1984,* (ed. Stanley Fiorini), Historical Society (Malta) 1986, 21-31.

6. Din hija waħda mill-ftit xogħlijiet tabilħaqq biżantini li għandna Malta. Fl-opinjoni tiegħi hija xogħol tas-seklu sittax bikri. Il-kwalità artistika għolja ġġegħelni naħseb li din l-ikona setgħet ġiet Malta mal-Kavallieri fl-1530.
7. Fost ix-xogħlijiet ta' Borassa li għandhom affinità artistika mill-qrib mal-polittiku ta' San Pawl, ta' min isemmi l-*pala d'altare* ta' Santa Klara, fil-Mużew Episkopali ta' Katalunja.
8. Dawn juru, minn fuq għal isfel, *Ir-Reżurrezzjoni ta' Kristu, Id-Dormizzjoni tal-Madonna, San Mikiel qed Jiżen l-Erwieħ.*
9. Visitatio Dusina 1575 (Kopja Mużew Nazzjonali, Valletta), ff. 2, 24.
10. *Ibid.*, f.23
11. *Ibid.*, f.23. Dwar din il-pittura ara Anthony Luttrell, "The Madonna del Soccorso", *Heritage* (Malta), III. 929-30.
12. Il-kunjom Saliba ma jidhirx li kien imxerred fi Sqallija fis-seklu 15, fil-waqt li Malta kien aktarx komuni. Dwar il-konnessjoni familjari ta' Antonello da Messina u Malta ara: Godfrey Wettinger, "Artistic Patronage in Malta 1418-1538" f'Anthony Luttrell (ed.) *Ħal Millieri: A Maltese Casale, Its Churches and Paintings,* Malta 1976, 111, u fl-istess pubblikazzjoni l-kontribut ta' Genevieve Bautier-Bresc, 103. Ara wkoll, *Anthony Luttrell, Madonna del Soccorso, op. cit.*, 929-30 u Mario Buhagiar, *St. Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands,* Malta 1979, 98-9.
13. Anthony Luttrell, *Madonna del Soccorso, op. cit.*
14. Ix-xbieha ta' San Pietru hija, tista' tgħid, identika għal dik li naraw fil-pala tal-*Madonna bil-Bambin bejn San Pietru u San Ġwann l-Evanġelista* li għal raġunijiet stilistiċi hija wkoll attribwita lil Salvo. Din il-pittura li llum tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' Messina, kienet qabel fil-knisja tal-Kapuċċini ta' l-istess belt.
14a. Il-firma *Magister Salvus de A(nton)i Messanesis/me pinsit (1)510* tidher fin-nofs tal-predella.
15. Ara Ġorġ Aquilina "Marian Devotions and the Franciscans Minor" f'Vincent Borg (ed.), *Marian Devotions in the Islands of St. Paul* (1600-1800), Malta 1983, 340n u (ta' l-istess awtur) *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt,* Malta 1986, 83n.
16. Għall-apprezzament artistiku ta' din l-ikona ara Mario Buhagiar, *The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900: Painting,* Malta 1988, 34-6. Dwar l-istorja mżewqa tagħha ara Giuseppe Porsella Flores "L'Icona di Nostra Signora di Damasco e la Chiesa Parrocchiale di Rito Greco Cattolico", *Il Delfino — Rivista quadrimentrale di cultura e notizie,* (Torino) Anno XVII n. 92, settembre/dicembre 1987, 12-24.
17. Teżisti b'dan kollu l-possibbiltà li dan il-Kurċifiss ġie kommissjonat wara li l-Kavallieri kienu ġà waqqfu l-Kunvent tagħhom f'Malta. Tgħid setgħu għamlu dan wara li Kurċifiss aktar antik (li kienu ġabu minn Rodi) kien intilef fin-nar li għamel straġi fil-knisja ta' San Lawrenz (l-ewwel knisja konventwali tagħhom) nhar Sibt il-Għid ta' l-1532? Ara Pierluigi Leone de Castris (ed.) *Polidoro da Caravaggio fra Napoli e Messina,* Ministero per i beni culturali e ambientali (soprintendenza per i beni artistici e storici di Napoli), Arnoldo Mondadori Editore (De Luca Edizione d'Arte), 1988.
18. Għal aktar tagħrif ara Mario Buhagiar, *Iconography, op. cit.*, 36.
19. Dwar il-każ ta' Matteo Perez d'Allecio ara Albert Ganado "Matteo Perez d'Aleccio's Engravings of the Siege of Malta 1565", *Proceedings of History Week 1983* (ed. Mario Buhagiar), The Historical Society (Malta) 1984, 125-61; dwar Paladini ara l-istudju ta' Cesare Brandi fil-*Catalogo della mostra di Filippo*

*Paladini — Palermo Palazzo dei Normanni, maggio — settembre 1967.* Il-ġrajja ta' Caravaggio hija magħrufa biżżejjed.

20. Għal aktar tagħrif ara Mario Buhagiar, *Iconography,* 48-52.
21. Din il-pittura llum tinsab fil-Palazz ta' l-Isqof, il-Belt. Mal-ħitan tal-kappella, Paladini ħadem affreski li juru xeni mill-ħajja ta' San Ġwann il-Battista. Dawn jinsabu fi stat ħażin ħafna iżda, b'xorti tajba, jidher li fl-aħħar se jittieħdu l-passi meħtieġa biex jiġu restawrati.
22. Għal apprezzament artistiku ara Mario Buhagiar, *Iconography,* 55.
23. Hemm il-possibbiltà li raġa' żar Malta madwar l-1611. Ara Cesare Brandi, *op. cit.*
24. Mario Buhagiar, *Iconography,* 56.
25. Il-pittura kienet it-titular tal-knisja devota ta' Santa Marija tal-Virtù, r-Rabat.
26. Il-firma ta' l-artist ħarġet waqt ir-ristawr li sar b'inizjattiva ta' Dr. John A. Cauchi li kien l-ewwel li għaraf il-valur artistiku ta' din il-pittura.
27. Il-pittura hija ffirmata u datata 1600. L-ikonografija tixbah ħafna lil dik tal-*pala* tal-Madonna tar-Rużarju bil-Qaddisin li Catalano pinġa fl-istess sena għall-matriċi ta' Acireale, fi Sqallija. Ara Vincenzo Abbate, "I tempi del Caravaggio situazione della pittura in Sicilia (1580-1625)" f'*Caravaggio in Sicilia, il suo tempo, il suo influsso,* Palermo (Sellecrio Editore) 1985, 60-4, u (fl-istess publikazzjoni) il-kontribut ta' Maria Concetta Gulisano, 82-4.
28. Mario Buhagiar, *Iconography,* 52.
29. Il-pittura hija ffirmata. Dwar Monteleone ara l-kontribut ta' Maria Pia Pavone, f'*Caravaggio in Sicilia, op. cit.*, 95-7.
30. Il-pittura hija ffirmata u datata: *Jo Battista Riccius novariensis Pinxit Anno 1599* u ġġib din l-iskrizzjoni: *F. Faustus Bulgarini/Eques Herosolimi/Patritius Seneses/A Morbo/Contagioso/Liberatus Non In/Memore Voti Posuit/Anno MDXCIX.*
31. Illum din il-pittura tinsab fis-Sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema. Dwar dan il-kwadru ara Mikiel Fsadni, *Id-Dumnikani fil-Belt 1519-1619,* Malta 1971, 25-6.
32. Għal aktar tagħrif ara Mario Buhagiar, *Iconography, 38-45.*
33. *Ibid.*
34. Ara speċjalment John Azzopardi, "Documentary Sources on Caravaggio's Stay in Malta" f'Mid-Med Bank Limited (Malta), *Report and Accounts 1986,* 54-55.
35. Mario Buhagiar, *Iconography,* 62-71.
36. Il-bijografu ta' Caravaggio, Pietro Bellori fil-ktieb tiegħu *Vite de Pittori, Scultori et Architetti,* Ruma 1672, iddeskriva hekk din il-pittura "... In quest'opera il Caravaggio usò ogni potere de suo pennello, havendovi lavorato con tanta fierezza che lasciò in mezze tinte l'imprimiture della tela ..."
37. L-aħjar studju fuq dan is-suġġett huwa dak ta' John A. Cauchi "L'enigmatico Cassarino", *Melita Historica,* VII, 2 (1977), 135, li fih juri kemm huma mingħajr bażi l-attribuzzjonijiet għal Lionello Spada.
38. Dominic Cutajar "Giulio Cassarino — The quest for a Maltese artist of the early 17th century", *The Sunday Times* (Malta), 19/12/1982 u (ta' l-istess awtur) "Caravaggio in Malta" f'*Mid-Med Bank, Report and Accounts, op. cit.* Fuq Cassarino l-aħjar xogħol huwa dak ta' John A. Cauchi, *op. cit.*
39. Ludovica Sebregondi Fiorentini "Francesco Buonarroti Cavaliere Gerosolmitano e architetto dilettante", *Rivista d'Arte — Studi Documnetari per la Storia delle Arti in Toscana",* Anno XXXVIII, Serie Quarta vol. II ed. Leo Olschki (1986).

40. Dan l-artist għadu ma sarx studju sewwa fuqu u dwar ħajtu nafu ftit li xejn. Xogħol interessanti tiegħu hija l-pittura tal-Modonna tar-Rużarju fil-Knisja tad-Dumnikani, ir-Rabat.
41. Ara John Azzopardi *op. cit.* u (fl-istess pubblikazzjoni) Edward Sammut, "The Trial of Caravaggio", 69-71.
42. Mattia Preti kien ġa magħruf Malta minħabba l-pittura ta' San Ġorġ li kien ħadem fuq kummissjoni tal-Kavallieri tal-Lingwa ta' Aragon. Din il-pittura aktarx waslet Malta fl-1656 u tqiegħdet fil-Kappella ta' Aragon fil-Knisja Konventwali. Pittura oħra li seta' bagħat Malta qabel l-1661 hija dik tal-Martirju ta' Santa Katerina fil-knisja ta' Santa Catarina d'Italia. Għal aktar tagħrif ara Mario Buhagiar, *Iconography,* 90-104.
43. Dwar l-assoċjazzjoni ta' Preti maż-Żurrieq ara Mario Buhagiar, *St. Catherine of Alexandria, op. cit.*, 123-4, 128-9.
44. Mario Buhagiar, *Iconography,* 111-6.
45. *Ibid.*, 108-9.
46. *Ibid.*, 116-8.
47. *Ibid.*, 122-33 għall-apprezzament artistiku tax-xogħlijiet ta' dawn iż-żewġ pitturi. Għal tagħrif bijografiku ara Eugene F. Montanaro, "Materials for the Life of Francesco Zahra", f'John Azzopardi (ed.), *Francesco Zahra 1710-1773,* Malta 1986, 9-10.
48. Għal deskrizzjoni dettaljata ta' din il-pittura ara Mario Buhagiar, "Francesco Vincenzo Zahra — A Critical Appreciation", f'John Azzopardi (ed), *Francesco Zahra, op. cit.*, 49-50.
49. Għal aktar tagħrif ara Eugene Montanaro, *op. cit.*
50. Pierre Rosenberg "Antoine de Favary" f'*The Order of St. John in Malta,* Malta 1970, 94. Dan l-artiklu fih tagħrif bijografiku interessanti. Għal apprezzament artistiku ara John Gash, "Antoine de Favary's first Maltese Period (1744-1761) and its Roman Prelude" Friends of the Cathedral Museum, *Antoine de Favray 1706-1798,* Malta 1982, 32, u Mario Buhagiar, *Iconography,* 136-48.
51. Librerija Nazzjonali ta' Malta, Ms. 1123, *Uomini Illustri di Malta,* ff. 70-1. Dan ix-xogħol maħdum mill-Konti Saverio Marchesi fl-1825 minn fuq studju oriġinali tal-Kapuċċin Padre Pelagio, jirreferi għal Zahra bħala "uno dei più cari allievi" ta' Favray. Għal aktar dettalji ara Eugene Montanaro, *op. cit.* Ara wkoll Mario Buhagiar, *Iconography, 136.*
52. *Repertorio di Conoscenze Utili* (Malta), I nru. 4, 25 ta' Frar 1843, 31-2. Ara wkoll Michael Ellul, "Art and Architecture in Malta in the Early Nineteenth Century", *Proceedings of History Week 1982* (ed. Mario Buhagiar), Malta 1983, 19.
53. Fost il-ftit xogħlijiet ta' Giuseppe Grech li nafu bihom, ta' min isemmi l-awtoritratt tiegħu, fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt, żewġ stazzjonijiet tal-Via Sacra, fil-knisja parrokkjali tan-Naxxar, u buzzett ta' Enea, fil-Mużew tal-Katidral.
54. Fost ix-xogħlijiet storiċi ta' min isemmi l-pittura tal-*Beatu Gerardu qed jagħti merħba lil Goffredu ta' Bouillon,* fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, il-Belt u l-oħra tal-*Ingress tal-Gran Mastru L'Isle Adam fl-Imdina,* fil-Palazz il-Belt.
55. Dwar il-pittura f'din il-kappella ara Edward Sammut, "The Church of Our Lady of Manresa", f'*Antoine de Favary, op. cit.*, 40-2.
56. Bħal, per eżempju, *Maltese Lady Paying a Visit,* fil-Mużew ta' l-Arti, l-Belt.
57. Fil-Mużew tal-Katidral hemm tliet kwadri b'suġġetti orjentali lkoll impittra minn Favray meta kien Malta: *Interior with Orientals, Greek Ladies, Turkish Ladies.* Għal aktar tagħrif ara Mario Buhagiar, *Iconography,* 155-6.

59. Palace Archives, Valletta, *Abstract of the Net Revenue and Expenditure of the Island of Malta for the Year 1821* (1st Blue Blook) — University of Literature — Item 21. L-ewwel Professur tad-disinn kien il-pittur Michele Busuttil (1750-1828).
60. Michael Ellul, *op. cit.*
61. Għal tagħrif dwar Salvatore Busuttil are George J. Scicluna, "A Maltese Painter in 19th Century Rome", *Sunday Times of Malta,* 12/7/1970, Michael Ellul, *op. cit.*, u Mario Buhagiar, *Iconography,* 162.
62. Din il-pittura waslet Malta f'Novembru 1854 meta l-pittur kien ilu tliet xhur mejjet (George J. Scicluna, *op. cit.*). Il-buzzett ta' din il-pittura jinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, l-Belt.
63. Minardi kien il-parrinu tal-magħmudija tat-tifel ta' Pietro Paolo Caruana, Raffaele, li twieled Ruma fl-1820 u meta kiber sar ukoll pittur (Vincenzo Bonello, *The Madonna in Art,* Malta 1949, 42. Dwar il-ħajja ta' Caruana ara Albert Ganado "Pietro Paolo Caruana: The First Lithographs Produced in Malta", *Proceedings of History Week 1981* (ed. Mario Buhagiar), Malta 1982, 50.
64. Fil-Mużew ta' l-Arti, il-Belt hemm awtoritratt ta' Giuseppe Hyzler liebes l-abitu tan-Nazareni. Fuq dan il-moviment artistiku are Keith Andrews, *The Nazareners — A Brotherhood of German Painters in Rome,* Oxford 1964.
65. Fosthom dak tal-kappella ta' Franza fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann.
66. Ommu u missieru kienu t-tnejn Naplitani. Ara Mario Buhagiar, *Iconography,* 178-82.
67. L-ewwel surmast ta' Calì f'Napli kien Giuseppe Mancinelli (1812-75) li kien Neo-Klassiku iżda Calì malajr abbandunah għal Domenico Morelli.
68. Calì kien versatili u prolifiku għall-aħħar; lista kompilata minn Raphael Bonnici Calì ("Giuseppe Calì — Biographical Notes", f'*G. Calì — Centenary Exhibition 1846-1945)* tinkludi 'l fuq minn 600 xogħol f'medja differenti.
69. Għal tagħrif dwar l-Iskola ta' l-Arti ara Michael Ellul, "Anton Inglott (1915-1945)" f'Friends of Cathedral Museum, Mdina, Malta, *Anton Inglott 1915-1945,* Malta 1988, 4-14.